Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 424 / 2016

Il-Pulizja

Spettur Saviour Baldacchino

Spettur Roderick Agius

Vs

Donatella Armeni

Illum 28 ta' Settembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellata Donatella Armeni detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 33281 M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

B' diversi atti maghmulin minnha, wkoll jekk fi zminijiet differenti, jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda;

1. Fil-25 ta' Lulju 2016 ghall-habta tal-01:00 hrs gewwa 'Kevin' s Stationery' fi Triq it-Tabib N. Zammit fis-Siggiewi; bil-hsieb li taghmel delitt ta' serq wriet dan b' atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt kien ikun jikkwalifika bil-valur li huwa aktar minn €2329.37, bil-mezz u bil-hin ghad-detriment ta' Kevin Camilleri, u / jew xi persuni jew entitajiet ohra.

2. Fl-istess cirkustanzi, volontarjament hassret, ghamlet hsara u / jew gharrqet hwejjeg ta' haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' hsara fuq hgieg tal-vetrina tal-hanut 'Kevin' s Stationery' fi Triq it-Tabib N. Zammit fis-Siggiewi liema hsara tezorbita il-mitejn u hamsin ewro (€250) ghad-detriment ta' Kevin Camilleri.

3. Fil-25 ta' Lulju 2016 ghall-habta tal-00.15 hrs gewwa 'Grab & Co @ your convenience' gewwa Triq Dun Manwel Zammit, Siggiewi; bil-hsieb li taghmel delitt ta' serq wriet dan b' atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt kien ikun jikkwalifika bil-valur li huwa aktar minn € 2329.37, bil-mezz, u bil-hin ghad-detriment ta' Daniel Zammit, u / jew xi persuni jew entitajiet ohra.

4. Fl-istess cirkustanzi, volontarjament hassret, ghamlet hsara u / jew gharrqet hwejjeg ta' haddiehor mobbli jew immobbli u cioe hsara fuq il-faccata tal-hanut 'Grab & Co @ your convenience' gewwa Triq Dun Manuel Zammit, Siggiewi liema hsara tezorbita li mitejn u hamsin ewro (€ 250) ghad-detriment ta' Daniel Zammit.

5. Fil-25 ta' Lulju 2016 ghall-habta ta' 00.15 hrs gewwa 'E & M Secure' gewwa Triq Dun Manwel Zammit, Siggiewi; bil-hsieb li taghmel delitt ta' serq wriet dan b' atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt kien ikun jikkwalifika bil-valur li huwa aktar minn €2329.37, bil-mezz, u bil-hin ghad-detriment ta' Alan Agius, u / jew xi persuni jew entitajiet ohra.

6. FI-istess cirkustanzi, volontarjament hassret, ghamlet hsara u / jew gharrqet hwejjeg ta' haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' hsara fuq il-faccata tal-hanut E & M Secure gewwa Triq Dun Manuel Zammit, Siggiewi liema hsara tezorbita il-mitejn u hamsin ewro (€ 250) ghad-detriment ta' Alan Agius.

7. Kif ukoll talli f' xi hin mhux maghruf matul il-lejI ta' bejn l-24 u l-25 ta' Lulju 2016 ikkommettiet serq ta' sikkina kif ukoll flus kontanti minn gewwa vettura li kienet parkeggjata matul Triq Mons Mikiel Azzopardi, Siggiewi, liema serq huwa aggravat bil-hin u bix-xorti ta' l-oggett misruq ghad-detriment ta' Colin Abdilla u / jew xi persuni jew entitajiet ohra.

8. U wkoll talli fl-istess dati lok hinijiet u cirkustanzi gewwa Siggiewi zammet f' xi fond jew kellha fil-pussess taghha, taht il-kontroll taghha jew garret barra minn xi fond jew fid-dintorni taghha arma rregulari u cioe' sikkina minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

9. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi garret, uzat, akkwistat jew kellha fil-pussess taghha arma irregolari filwaqt li kienet qed tigi arrestata ghal delitt u cioe' filwaqt li kienet qed tikommetti serq aggravat.

10. Talli kkommettiet reat waqt il-perjodu operattiv ta' helsien mill-htija bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor u dan mghoti minn Magistrat Dr. T. Micallef Trigona nhar 19 ta' Novembru, 2015 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mhassra jew mibdula.

11. Il-Qorti giet gentilment mitluba biex titratta ma' Donatella Armeni bhala recidivista ta' sentenzi moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai termini ta' l-Artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-22 ta'Awwissu, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u appuntu l-Artikoli 18, 41, 261 (c) (f) (g), 263(a), 264 (1), 267, 270, 277, 278, 279 (b), 280 (2), 281 u 325 (1) (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 5 (1), 5 (2) u 55 (b) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjarat li sabet l-imputata Donatella

Armeni hatja ta' l-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghha salv u b' eccezzjoni ghal dik l-akkuza fejn giet akkuzata talli wettqet reat waqt il-perjodu operattiv ta' liberta' kundizzjonata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati per Magistrat Dottor T. Micallef Trigona fid-19 ta' Novembru 2015. Fil-konfront tal-akkuzi li din il-Qorti sabet lill-imputata Donatella Armeni hatja taghhom, ikkundannata kumplessivament ghal perjodu ta' sentejn (2) prigunerija effettiva.

Fir-rigward tal-akkuza talli wettqet reat waqt il-perjodu operattiv ta' liberta' kundizzjonata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati per Magistrat Dottor T. Micallef Trigona fid-19 ta' Novembru 2015, il-Qorti qeghda ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta baghtet lill-imputata Donatella Armeni quddiem il-Qorti tal-Magistrati presjeduta mill-Magistrat Dottor T. Micallef Trigona sabiex jitratta maghha dwar il-ksur tal-Probation kif moghtija lilha minnu permezz ta' sentenza tad-19 ta' Novembru 2015.

Finalment din il-Qorti qieghda irrakomandat lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin biex jghati l-ghajnuna kollha possibbli lill-hatja biex teghleb il-vizzju tad-droga li hija ghandha u dan waqt il-permanenza taghha fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, u irrakomandat wkoll biex tithalla fejn ikun possibbli biex taghmel xoghol fil-komunita' biex ladarba l-imputata tiskonta s-sentenza taghha kif fuq imposta, tkun persuna riformata u lesta biex terga' tinserixxi ruhha fis-socjeta'.

Ai termini ta' l-Artikolu 392 A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta, l-Qorti ordnat li din is-sentenza flimkien ma' l-atti tal-proceduri jigu mghoddija lill-Avukat Generali ai termini tal-Ligi.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-5 ta' Settembru, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li:

1. Tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellata hatja tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt, is-seba', it-tmien, id-disa' u l-hdax-il imputazzjoni dedotti kontriha; u

2. Tghaddi sabiex tirrevoka l-parti tas-sentenza fejn baghtet lill-appellata quddiem il-Qorti tal-Magistrati presjeduta mill-Magistrat Dottor T. Micallef Trigona sabiex jitratta maghha dwar il-ksur tal-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata kif moghtija lilha minnu permezz ta' sentenza tad-19 ta' Novembru 2015, u tghaddi sabiex titratta maghha ghal ksur tal-ordni ghal Iiberazzjoni kondizzjonata moghtija lill-appellata permezz ta' sentenza datata 19 ta' Novembru 2015. Kif ukoll tghaddi sabiex tordna l-konfiska tas-sikkina.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

Illi fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sittax (2016) l-esponent ircieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali l-atti processwali fl-ismijiet premessi u hassu aggravat bihom b' mod car u manifest in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet enuncjazzjoni u applikazzjoni kompletament zbaljata tal-ligi meta hija naqqset milli titratta mal-appellata dwar l-akkuza li kkommettiet reat waqt il-perjodu operattiv ta' liberazzjoni kondizzjonata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar id-19 ta' Novembru 2015, izda minflok baghtet lill-appellata quddiem il-Qorti tal-Magistrati presjeduta mill-Magistrat Dottor T. Micallef Trigona sabiex jitratta maghha dwar il-ksur tal-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata kif moghtija lilha minnu permezz ta' sentenza tad-19 ta'

Novembru 2015. Di piu' l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tordna l-konfiska tal-istrumenti li servew jew li kien mabsub li jservu sabiex isir id-delitt cioe' s-sikkina;

Illi l-artiklu 23 (1) (a) tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula:

> Jekk persuna li fil-kaz taghha jkunu saru xi sanzjoni komunitarja jew ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata, sussegwentement tinhareg fir-rigward taghha dikjarazzjoni ta' htija minn jew quddiem xi qorti dwar reat li jkun sar matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-qorti –
>
> (a) **jekk tkun l-istess qorti li tkun ghamlet l-ordni ta' probation, l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta' probation u servizz jew l-ordni ghal liberazzioni kondizzjonata**, tista' tittratta lil dik il-persuna ghar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b' kull mod li tista' tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-qorti ghal dak ir-reat;
> (Sottolinear u enfasi tal-esponent)

Illi di piu' l-artiklu 23 (4) (a) tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula s-segwenti:

Ghall-fini tas-subartikolu (1) —

(a) **il-Qorti tal-Magistrati (Malta)**, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) u l-Qorti tal-Minorenni **ghandhom jitqiesu bhala l-istess qorti**;
(Sottolinear u enfasi tal-esponent)

Illi abbazi tal-artikli sucitati l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha titratta mal-appellata dwar li hija kkomettiet reat waqt il-perjodu operattiv ta'

liberazzjoni kondizzjonata. ld-disposizzjonijiet sucitati jitkellmu fuq "... l-istess qorti li tkun ghamlet ... l-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata" u ma titkellimx fuq l-istess gudikant li jkun ghamel l-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata. Konsegwentement, ai fini tal-artiklu 23 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti li tat s-sentenza datata 19 ta' Novembru 2015 u l-Qorti li tat s-sentenza datata 22 ta' Awwissu 2016 (is-sentenza appellata) huma l-istess Qorti. Ghalhekk, b' kulI dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, wiehed ma jistax jifhem kif hija baghtet lill-appellata quddiem il-Qorti tal-Magistrati presjeduta mill-Magistrat Dottor T. Micallef Trigona sabiex jitratta maghha dwar il-ksur tal-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata kif moghtija lilha minnu permezz ta' sentenza tad-19 ta' Novembru 2015;

Illi ghar-rigward tal-interpretazzjoni tal-artiklu 23 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponent se jaghmel referenza ghal gurisprudenza li taghmel referenza ghal artiklu 10 (1) tal-Kapitlu 152 tal-Ligijiet ta' Malta li kien sostitwit b' Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Fis-sentenza 'Il-Pulizija vs. Andrew Buhagiar'[1] il-Qorti rriteniet:

> *L-uzu tal-kelma sottolineata "tista" — "may" fit-test Ingliz tal-ligi — ma jfissirx li dik il-Qorti ghandha xi ghazla fis-sens li tista' tittratta ma' dik il-persuna u tista' ma tittrattax maghha, kif donnu ried ifisser l-abbli difensur tal-appellat. Il-Kap. 152, infatti, anqas biss jikkontempla l-possibilita' li dik il-Qorti taghzel li ma tittrattax mal-persuna li tkun kisret l-ordni ta' probation jew ta' liberazzjoni taht kondizzjoni. Il-kelma "tista" f' dan il-kuntest tfisser biss li dik il-Qorti jkollha s-setgha li tittratta ma' dik il-persuna bl-istess mod daqs li kieku dik il-persuna tkun ghadha kif giet misjuba hatja quddiem dik il-Qorti. Ghalhekk, kemm fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 10, kif ukoll fil-paragrafu (a) tal-istess subartikolu, il-kelma "tista" fl-espressjoni "tista'*

---

[1] 16 ta' Gunju 1999, Qorti tal-Appell Kriminali

*tittratta ma' dik il-persuna" tfisser li l-Qorti li tkun ghandha tittratta ma' dik il-persuna.*

Illi fis-sentenza Il-Pulizija vs. Raymond Callus[2] il-Qorti rriteniet:

*L-abbli difensur ta' l-appellat stieden lil din il-Qorti sabiex ma tittrattax ma' l-appellat ghall-ksur ta' din il-conditional discharge peress li argumenta li l-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 10 tal-Kap. 152 juza l-espressjoni '... tista' tittratta ma' dik il-persuna...', u ghalhekk, skond hu, il-kelma 'tista" (may fit-test Ingliz) tindika li l-Qorti ghandha ghazla, u tista' ghalhekk anke ma tittrattax mieghu ghall-ksur tal-conditional discharge jew tal-probation order skond il-kaz. L-appellat m' ghandux ragun f' dan ir-rigward. Kif gie spjegat minn din il-Qorti fis-sentenza tas-16 ta' Gunju 1999 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Andrew Buhagiar l-uzu tal-kelma 'tista" ma jfissirx li l-Qorti ghandha xi ghazla. Il-kelma 'tista" fil-kuntest kemm tal-paragrafu (a) kif ukoll tal-paragrafu (b) ta' l-artikolu 10 (1) in dizamina tfisser biss li l-Qorti li tkun ikollha s-setgha li tittratta ma' dik il-persuna bl-istess mod daqs li kieku dik il-persuna tkun ghadha kif giet misjuba hatja quddiem dik il-Qorti.*

Illi di piu' fis-sentenza Il-Pulizija vs. Duranovic Coreschi[3] il-Qorti rriteniet:

Din il-Qorti hi tal-fehma li din l-interpretazzjoni hija korretta u tapplika ghall-artikolu 23 (1) tal-Kap. 446, liema artikolu huwa sostanzjalment simili ghall-artikolu 10 (1) tal-Kap. 152. Din il-Qorti zzid tghid illi ma tistax tinghata interpretazzjoni differenti anke ghas-segwenti raguni. Meta persuna tinsab hatja dwar reat, il-Qorti m' ghandhiex ghazla hlief li tittratta ma' dik il-persuna skond il-ligi ghal tali sejbien ta' htija, u certament m' ghandhiex ghazla tittrattax mieghu jew le. Skond id-dicitura fl-artikolu 23 (1) (a), il-Qorti "tista' tittratta lil dik il-persuna ghar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'

[2] 10 ta' Dicembru, 2016 Qorti tal-Appell Kriminali
[3] 14 ta' Settembru 2011 Qorti tal-Appell Kriminali

kull mod li <u>tista'</u> (fit-test *I*ngliz "could") tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-qorti ghal dak ir-reat" (sottolinear ta' din il-Qorti; u skond dik ta' l-artikolu 23 (1) (b), il-Qorti "tista' tittratta lil dik il-persuna ghar-reat li dwaru tkun saret l-ordni b' kull mod li <u>setghet</u> (fit-test Ingliz "could") tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minnha jew quddiemha ta' dak ir-reat" (sottolinear ta' din il-Qorti). F' kaz ta' kommissjoni ta' reat matul perjodu ta' probation, mela, il-legislatur qieghed johloq finzjoni legali li l-hati jkun ghadu kemm gie misjub hati tar-reat / i li dwaru / hom ikun tqieghed taht probation. La darba jkun "ghadu kemm gie misjub hati", huwa mistenni li l-Qorti tittratta mal-hati ghal tali sejbien ta' htija billi taghti l-piena applikabbli ghall-kaz, jigifieri, kif intqal fis-sentenzi precitati, ghandha s-setqha li tittratta mal-hati bl-istess mod daqs li kieku ghadu kemm gie misjub hati. Konsegwentement anke dan l-ilment huwa michud.

Illi ghalhekk hekk kif l-appellata ammettiet ghall-ghaxar imputazzjoni dedotta kontriha, l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha titratta maghha billi tinfliggi l-piena relattiva ghar-reati li l-appellata nstabet hatja taghhom meta nghatat ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata nhar id-19 ta' Novembru 2015;

Illi di piu' l-artiklu 23 (1) tal-Kodici Kriminali jistipula s-segwenti:

> 23. (1) Il-konfiska tal-corpus delicti, <u>**tal-istrumenti li servew jew li kien mahsub li iservu sabiex isir id-delitt**</u>, u ta' kull ma jkun gie miksub bid-delitt, hija konsegwenza tal-piena stabbilita' mill-ligi ghad-delitt, ukoll jekk dik il-konfiska ma tkunx espressament imsemmija fil-ligi, barra minn meta persuna, li ma tkunx hadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq dawk l-oggetti. (Sottolinear u enfasi tal-esponent)

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tindika l-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll naqset milli tordna l-konfiska tas-sikkina li l-appellata

serqet ghad-detriment ta' Colin Abdilla, liema sikkina serviet jew kienet mahsuba li sservi sabiex isir id-delitt hekk li nstabet gewwa 'Kevin' s Stationery.'
Ikkunsidrat;

Illi l-Avukat Generali qieghed iressaq lanjanza unika diretta lejn dik il-parti tad-decizjoni appellata fejn l-Ewwel Qorti, kif ipprejseduta, minflok ghaddiet biex titratta ma'l-appellata fit-termini ta'l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u dan meta fuq ammissjoni taghha stess hija giet misjuba hatja li wettqet ir-reati li dwarhom giet misjuba hatja fit-terminu operattiv ta' liberta kondizzjonata moghtija b'sentenza tad-19 ta' Novembru 2015, baghtet lill-istess appellata biex tigi trattata dwar dan mill-istess qorti u cioe' il-Qorti tal-Magistrati izda ippresjeduta mill-Magistrat Tonio Micallef Trigona, liema gudikant kien ippronunzja id-decizjoni indikata.

Illi evidentement dan kien *lapsus kalami* ta'l-Ewwel Qorti billi id-dicitura tal-ligi fl-artikolu 23 hija cara meta jinghad hekk:

*"Jekk persuna li fil-każ tagħha jkunu saru xi sanzjoni komunitarja jew ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, sussegwentement tinħareġ fir-rigward tagħha dikjarazzjoni ta' ħtija minn jew quddiem xi qorti dwar reat li jkun sar matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-qorti -*

*(a) jekk tkun l-istess qorti li tkun għamlet l-ordni ta' probation, l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta' probation u servizz jew l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, tista' tittratta lil dik il-persuna għar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista' tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat;"*

Fejn imbaghad is-subartikolu (4) jindika illi il-"*Qorti tal-Maġistrati (Malta), il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) u l-Qorti tal-Minorenni għandhom jitqiesu*

*bħala l-istess qorti."*

Dan ifisser allura illi l-Ewwel Qorti, kif ippresjeduta, kellha titratta mal-hatja hija stess dwar il-ksur tal-liberta kondizzjonata moghtija b'sentenza tad-19 ta' Novembru 2015 billi din hija l-istess Qorti, kif imfisser fis-subartikolu 4 hawn fuq iccitat. Dan ghaliex

*"F'kaz ta' kommissjoni ta' reat matul perijodu ta' probation, mela, il-legislatur qieghed johloq finzjoni legali li l-hati jkun ghadu kemm gie misjub hati tar-reat/i li dwaru/hom ikun tqieghed taht probation. Ladarba jkun "ghadu kemm gie misjub hati", huwa mistenni li l-Qorti tittratta mal-hati ghal tali sejbien ta' htija billi taghti l-piena applikabbli ghall-kaz, jigifieri, kif intqal fis-sentenzi precitati, ghandha s-setgha li tittratta mal-hati bl-istess mod daqs li kieku ghadu kemm gie misjub hati."*

Illi l-appellata izda targumenta illi t-talba ta'l-Avukat Generali ma hijiex wahda sostenibbli billi allura jekk din il-Qorti tirrevoka dik il-parti tad-decizjoni impunjata hija ghandha tirrimanda l-atti lill-Ewwel Qorti biex hija titratta maghha u mhux tigi trattata minn din il-Qorti billi hija qorti differenti minn dik li harrget l-ordni mertu ta' dan l-appell. Illi il-Qorti ma tarax illi l-appellata ghandha ragun fid-difiza minnha intentata u dan billi l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali jaghti is-setgha lil din il-Qorti biex tghaddi ghal decizjoni skont il-ligi.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tilqa' l-appell ta'l-Avukat Generali, tghaddi ghalhekk biex tirriforma d-decizjoni impunjata billi tikkonfermaha fejn din sabet lill-appellata hatja ta'l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt is-sebgha, it-tmin id-disgha u il-hdax-il imputazzjoni u fejn giet ikkundannata ghal perijodu ta' sentejn prigunerija, tirrevokaha f'dik il-parti fejn baghtet lill-appellata quddiem il-Qorti tal-Magistrati ippresjeduta mill-Magistrat Tonio Micallef Trigona sabiex hemhekk tigi trattata dwar il-ksur tal-ordni ta'l-liberazzjoni kondizzjonata moghtija permezz ta' sentenza tad-19 ta'Novembru 2015 u minflok titratta maghha dwar l-istess sentenza billi wara

li rat l-artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 285 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara lill-appellata hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha u tikkundannha ghal perijodu iehor ta' xahar prigunerija.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur